**Rapport tas-Suq Monetarju għall-ġimgħa li ntemmet fid-19 ta’ Lulju 2019**

## Operazzjonijiet Monetarji tal-BĊE

Fil-15 ta’ Lulju 2019, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ħabbar l-operazzjoni ewlenija ta’ rifinanzjament (MRO) tiegħu ta’ kull ġimgħa. L-irkant sar fis-16 ta’ Lulju 2019 u attira offerti ta’ €2.89 biljun mill-kontropartijiet eliġibbli fiż-żona tal-euro, €0.04 biljun inqas mill-ammont tal-offerti tal-ġimgħa ta’ qabel. L-offerti kienu kollha allokati b’rata fissa ekwivalenti għar-rata tal-MRO kurrenti ta’ 0.00%, skont il-politika eżistenti tal-BĊE.

Fis-17 ta’ Lulju 2019, il-BĊE flimkien mal-Federal Reserve tal-Istati Uniti, mexxa operazzjoni ta’ finanzjament fid-dollaru Amerikan fuq sebat ijiem permezz ta’ self garantit. Din l-operazzjoni attirat offerti ta’ $0.01 biljun li ġew allokati kollha b’rata fissa ta’ 2.89%.

## Suq Domestiku tal-Bills tat-Teżor

Fis-suq domestiku primarju tal-bills tat-Teżor, it-Teżor għamel sejħa għall-offerti għal bills ta’ 91 ġurnata għall-valur tal-pagament 18 ta’ Lulju 2019, li jimmaturaw fis-17 ta’ Ottubru 2019. Kien hemm offerti ta’ €46 miljun għall-bills ta’ 91 ġurnata li minnhom it-Teżor aċċetta €16-il miljun. Minħabba li €19-il miljun f’bills immaturaw matul il-ġimgħa, il-bilanċ tal-bills tat-Teżor naqas bi €3 miljun għal €337.8 miljun.

Ir-rendita li rriżultat mill-irkant ta’ bills ta’ 91 ġurnata kienet ta’ -0.364%, tnaqqis ta’ 0.2 ta’ punt bażi minn dik fuq bills b’perjodu ta’ maturità simili li ħarġu fil-11 ta’ Lulju 2019 u li tirrappreżenta prezz ta’ offerta ta’ €100.0921 kull €100 nominali.

Matul din il-ġimgħa ma kienx hemm tranżazzjonijiet fil-Borża ta’ Malta.

Din il-ġimgħa t-Teżor ser jagħmel sejħa għall-offerti għal bills ta’ 91 ġurnata u bills ta’ 364 ġurnata li jimmaturaw fl-24 ta’ Ottubru 2019 u fit-23 ta’ Lulju 2020, rispettivament.